# maratona bir-roti

# 09/10/11 APRIL 2010

LIĊEO TAS-SUBIEN, KULLEĠĠ SAN ĠORĠ PRECA
bil-kollaborazzjoni tal-
A.L.P.S.

2 ta' Marzu 2010

Għażiż/a,

Bejn id-9 u l-11 t'April li ġej, il-Liċeo tas-Subien tal-Ħamrun, se jorganizza l-11-il edizzjoni tal-Maratona bir-Roti, attività mtellgħa bis-sehem ta' għalliema, studenti, ġenituri, l-Għaqda tal-eks studenti tal-Liċeo (ALPS) u personalitajiet lokali bil-għan li jinġabru fondi għal għaqdiet filantropiċi. Permezz tal-għaxar edizzjonijiet preċedenti, diversi għaqdiet, fosthom il-Caritas, l-IBIC, il-Muscular Dystrophy Group, l-Equal Partners Foundation u d-Dar tal-Providenza, ibbenefikaw mill-fondi li nġabru u li s'issa qabżu s-somma ta' €234,100.

Il-benefiċjarji għal din is-sena huma d-Dar tal-Providenza u l-Hospice Movement. Id-Dar tal-Providenza teħtieġ xogħol ta' ristruttur biex tkun aktar aċċessibbli għar-residenti, ħaddiema u viżitaturi, waqt li l-Hospice Movement teħtieġ apparat modern għall-bżonnijiet ta' min juża s-servizzi tagħha.

Minbarra l-maratona ta' ċikliżmu, fil-grawnds tal-Liċeo jittella' spettaklu ta' kant, żfin, logħob u maġija mill-aqwa talent lokali. Ikun hemm ukoll daqq ta' baned, wirjiet ta' karozzi u muturi, u eżibizzjonijiet ta' fotografija, pittura u xjenza. Għal din il-Maratona jattendu diversi personalitajiet fosthom Ministri, Membri Parlamentari u nies distinti oħra mix-xena lokali. Din is-sena wkoll, se jkollna xandiriet diretti fuq l-istazzjonijiet televiżivi ewlenin bejn l-16:00-23:00 tas-Sibt 10 t'April, u bejn 12:00-21:30 tal-Ħadd 11 t'April.

Għaldaqstant, nieħu l-okkażjoni biex nistiednek tingħaqad magħna u tkun parti mill-Maratona bir-Roti 2010. Il-preżenza tiegħek tgħin ħafna biex jinġabru l-fondi meħtieġa għal dawn iż-żewġ għaqdiet biex ikomplu b'ħidmiethom ma' min jeħtieġ l-għajnuna tagħhom.

Dejjem tiegħek,

Stephen Buhagiar

Kordinatur varjetà u televiżjoni MBR2010
Fittixna fuq Facebook: http://www.facebook.com/group.php?gid=49790799382